MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## VINCENT GALEA

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2014

Talba Numru. 657/2013

**Philip u Maria Dolores konjugi PISCOPO**

**Vs**

**Emanuel u Anna konjugi BRIFFA**
**[ID. 384666M u 244473M rispettivament]**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti minnhom mressqa fl-4 ta' Ottubru, 2013** u li permezz taghha talbu lill-intimati jhallsuhom s-somma ta' tmien mija u tmien euro [€808] u dan wara li ppremettew hekk:

> "Illi l-konvenuti ghandhom jiġu kkundannati, minn dana l-Onorabbli Tribunal, ihallsu lill-atturi tmien mija u tmien ewro €808 piu imghax legali rappreżentanti sehem il-konvenuti tal-ispejjez

tax-xogholijiet li saru fuq is-sistema tad-drenagg tal-fondi taghhom.

Illi nonostante nterpellati ihallsu kemm permezz ta' ittra legali kif ukoll permezz ta' ittra uffiċjali, s-sehem li huma obbligati li jhallsu, dawn baqghu inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjes kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-intimati** minnhom mressqa fit-12 ta' Novembru, 2013 u li permezz taghha huma rrispondew hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Preliminarjament it-talbiet tal-atturi huma preskritti ai termini tal-Artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Illi minghajr preġudizzju ghal dak hawn fuq premessi t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikoli 2149(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi subordinatament u minghajr preġudizzju ghall-ewwel u tieni eċċezzjoni t-talbiet attriċi huma preskritti ai termini tal-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi minghajr preġudizzju ghas-suespost, fil-mertu it-talba tas-socjeta attriċi hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-ammont pretiz huwa dovut u t-talbiet attriċi ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez.

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri".

Ra l-ahhar verbal fejn it-Talba thalliet ghal lum ghas-sentenza.

Semgha' x-xhieda;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din it-Talba, r-rikorrenti qeghda titlob minghand l-intimat il-hlas tas-somma ta' €390 rapprezentanti din is-somma rifużjoni tal-ammont mhallas minn Amanda Dufau lill-intimat bhala depożitu fuq kirja .

2. Da parti taghhom l-intimati laqaw ghal din it-talba billi qalu li l-azzjoni intentata kontrihom hija perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(a), 2149(a) u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Fil-mertu stqarrew li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-ammont pretiz huwa dovut u t-talbiet taghhom ghalhekk ghandhom jiġu michuda bl-ispejjez

   Ikkunsidra;

3. **L-intimat** qal li huwa joqghod fil-fond 163, Flat 5, Arcade Street, Paola filwaqt li r-rikorrenti ghandu l-appartament ta' tahtu. Qal li huwa ilu jirrisjedi f'dan il-fond ghal dawn l-ahhar tlieta u ghoxrin sena u li qatt ma kellhu problemi fis-sistema tad-drenagg. Qabel ma xtraw ir-rikorrenti ukoll ma kienx hemm problemi f'din is-sistema però "*... wara li kien xtara r-rikorrenti kien hemm problema fid-drenagg*" (fol. 19). Kompla jghid li s-sistema tad-drenagg tghaddi min taht l-appartament tar-rikorrenti u li l-katusi tad-drenagg li fihom huwa jarmi kienu mqabbdin ma tar-rikorrenti. Semma li darba fost l-ohrajn kien hemm *bowser* li jiftah id-drenagg bil-pompa quddiem l-appartament tieghu jiftah id-drenagg tar-rikorrenti. Qal li kieku r-rikorrenti nfurmah li kien ser iġib din il-magna huwa kien jghidlu "*... biex ma jaghmilx hekk u dan peress li s-sistema tad-drenagg taghna kienet wahda antika u l-katusi huma tac-caqquf*" (fol. 20). Qal li wara li kien infetah id-drenagg b'din il-pompa rega' kellhom il-problemi fis-sistema u kien ghalhekk li r-rikorrenti gab persuna sabiex

tinvestiga din is-sistema bil-*camera*. L-intimat stqarr li anke huwa kellu problema bid-drenagg wara li kien gab il-*bowser* bil-pompa r-rikorrenti.

L-intimat qal li "*bil-camera mbaghad irriżulta li l-katusi kienu kollha mkissra u li riedu jitbidlu*" (fol. 20). Ir-rikorrenti nfurmah li din is-sistema kellha issir mill-gdid "*... u jiena rrispondejtu li jridu jitranġaw, m'hemmx x'taghmel*" (fol. 20). F'dan ir-rigward, l-intimat kompla qal li "*ir-rikorrenti qalli li kien ser jaghmilhom hu u jiena ghidtlu li jiena kont lest illi nhallas sehmi billi kont naghmel xoghol tal-idejn u dan peress li jiena u zijuhi naghmlu dan ix-xoghol*" (fol. 20). Skont l-intimat, ir-rikorrenti aċċetta din il-proposta u ftit jiem wara dan beda x-xogholijiet fl-appartament tieghu. Wara li tlesta x-xoghol tat-thaffir, kompla jghid l-intimat, huwa ra persuna ohra li kienet ġiet bil-van tqieghed il-katusi tad-drenagg. Sahaq li sadanittant, ir-rikorrenti "*... qatt ma kien qalli xejn minkejja dak li konna ftehmna ahna verbalment*" (fol. 20). Xi tlett ijiem wara, r-rikorrenti kien infurmah sabiex ma jiftahx l-ilma ghal ġurnata u nofs u fil-fatt, kompla jghid l-intimat, hekk ghamel.

Xi żmien wara, r-rikorrenti qallu li huwa kellhu jaghtih is-somma ta' tmien mija u tmien euro (€808). Huwa nfurmah li ma kellhu jaghtih xejn "... *u dan peress li hu kellu jiftiehem mieghi u jiena naghti x-xoghol tieghi bl-idejn*" (fol. 20).

Mistoqsi jekk huwa kienx inghata stima ghal dawn ix-xogholijiet li kienu ser isiru, l-intimat wieġeb fin-negattiv. Sahaq li "*... l-katusi tac-caqquf infaqghu bil-bowser li kien gab ir-rikorrenti l-ewwel darba*" (fol. 20).

4. **L-intimata Anna Briffa** qalet li hi ma taf xejn fuq dan il-kaz l-ghaliex halliet f'idejn żewġha. Ziedet tghid li kieku żewġha kien irċieva xi dokument minghand ir-rikorrenti, huwa kien jghidilha bih.

5. **Ir-rikorrenti** beda biex qal li l-intimat jghix fl-appartament ta' fuqu. Qal li huwa ma jirrisjediex f'dan l-appartament iżda jikrih lil haddiehor. Kompla jghid li

f'Settembru, 2009 kienet sehhet maltempata qawwija u t-tappiera tad-drenagg li hemm fil-kcina tieghu gholiet u hareg id-drenagg fil-kcina u mal-appartament kollu. Huwa kien kellem lill-intimat dwar din il-problema *"... u dan peress li ġieli f'xahar anke ftahtu erbgha (4) darbiet"* (fol. 31). Stqarr li l-intimat kien qallu li dak li kien hemm bżonn li jsir jsir. Sussegwentement kien gab lil tal-*bowser* u dan qallu "*... li ġebel ma jidhirx li kien fihom dawn il-katusi tal-fuhhar li ilhom hemmhekk ghal snin kbar hafna*" (fol. 31). Kompla jghid li tal-*bowser* kien irrakomandalu li jaghmel CCTV *camera investigation* sabiex ikun jista jara x'hemm u x'ma hemmx hsara. Qabel ma ghamel din l-investigazzjoni, huwa kien talab il-kunsens ta' l-intimat. Skond ir-rikorrenti, l-intimat qabel ma din ukoll. Di fatti, meta bdiet issir din l-investigazzjoni, kien hemm preżenti l-intimat "*... u jiena u hu bdejna naraw il-hsarat li kienet ghadha tindikalna l-mara tal-bowser*" (fol. 32). Ghal din l-investigazzjoni bis-CCTV *camera*, r-rikorrenti hallas is-somma ta' €116 (ara riċevuta a fol. 11).

Kien sar qbil bejn il-partijiet li s-sistema tad-drenagg tinbidel u fil-fatt, ir-rikorrenti jkompli jghid li "*l-intimat qalli illi x-xoghol naghmluh bejnietna u dan sabiex niffrankaw xi haġa tal-flus*" (fol. 32). Kien qallu ukoll li imbaghad jirranġaw fl-ahhar. Ftehmu sabiex jiltaqaw it-Tnejn ta' wara. Qal li huwa kien insista mal-intimat sabiex ix-xoghol isir kemm jista jkun malajr peress li l-intimat "*... kien baqa jwaddab id-drenagg tieghu minn gol-flat ghal gol-katusi u ovvjament ikun hemm l-isbroff ghal gol-proprjeta tieghi li kienet tinsab taht nett*" (fol. 32).

Waslet il-gurnata li fiha kellhu jsir ix-xoghol u r-rikorrenti beda jqatta l-madum tal-appartament tieghu "*... l-ghaliex il-medda tal-katusa tad-drenagg kienet taghti minn gol-kcina kif diġà ghidt u tibqa sejra sal-bankina ta' barra fuq it-triq*" (fol. 32). Sakemm ghamel dan ix-xoghol, l-intimat kien ghadu ma marx biex jghinu. Ghal habta ta' xi n-nofs siegha ta' wara nofs-in-nhar huwa ra lill-intimat jipparkja l-vettura tieghu fejn kien hu u rah nieżel bil-kelb minnha. Staqsieh l-ghala ma kienx mar biex jghinu u dan wieġbu "*... li qbadtu f'mument hazin peress li kien l-istagun tal-kacca*" (fol. 32). Ir-rikorrenti qallu li ma kienitx problema u talbu sabiex imur jghinu l-ghada filghodu. L-intimat, kompla jghid ir-rikorrenti "*qalli sabiex nissaportih sakemm jghaddu dawk l-erbat ijiem tal-*

*kacca*" (fol. 33). Huwa wieġbu li ma setax jaghmel hekk l-ghaliex il-problema tad-drenagg kienet qeghda tispiċċa ghandu. Wara dan, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa nfurmah li kien "*... ser inqabad lil xi hadd sabiex jiehu hsieb kollox ghar-rigward tad-drenagg u li mbaghad skont il-kont li jaghtina naqsmu kollox nofs bin-nofs*" (fol. 33). L-intimat, qal ir-rikorrenti, kien qallu li kien jaqbel ma dan. Huwa kien sab kuntrattur li kien tah stima ta' bejn elf u hames mitt euro (€1,500) u elf u seba' mitt euro (€1,700). Ir-rikorrenti wera din l-istima lill-intimat, li skond huwa qallu sabiex imexxi. Kien talbu jekk kienx ser iġib stima huwa, iżda l-intimat qallu li ma kienx hemm ghalfejn. L-ghada, dan il-kuntrattur, u cioe Anthony Vassallo beda x-xoghol. Tul ix-xogholijiet, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa kien ikun preżenti filwaqt li l-intimat baqa qatt ma resaq l-hemm. Meta tlestew x-xogholijiet huwa hallas lill-kuntrattur is-somma ta' elf u hames mitt euro (€1,500) (fol. 9 hemm esebita r-ricevuta fiskali).

Wara li tlestew ix-xogholijiet u r-rikorrenti kien hallas ta' kollox, huwa mar ghand l-intimat sabiex jiġbor sehmu iżda dan kien qallu sabiex jiehu ftit paċenzja bih l-ghaliex dak il-mument kien imsallab. Qallu li hekk kif appena jkollu kien ser ihallsu u sabiex iserrah rasu. Wara li kienu ghaddew xi xahrejn huwa kien reggha mar ikellem lill-intimat iżda reggha qallu l-istess. Kompla jghid li kien ghalhekk li huwa issuġġerixxa lill-intimat sabiex jaghmlu ktieb bejniethom u sabiex ihallsu hamsin euro (€50) fix-xahar. Minkejja li ghaddew diversi xhur l-intimat kien isib skuża wara l –ohra sabiex ma jhallasx dak dovut minnu. Kien sahansitra qallu li kien qala multa ta' €4,000 mill-Qorti u li ma kellux flus. Ir-rikorrenti qal ukoll li huwa reggha irriduca dan l-ammont ghal ghoxrin euro (€20) fix-xahar iżda dan baqa ma hallas xejn. Wara li kien baghtlu ittra uffiċjali, l-intimat wieġbu li huwa ma kellhu jaghtih xejn u kien ghalhekk li ghamel din il-kawza.

In kontro-ezami, huwa qal li dan il-fond kien ilu mikri madwar sentejn tlett snin qabel ma beda jfur id-drenagg. Kien hemm xi drabi li kien instadd id-drenagg u huwa kien jaqbad jmur jifthu mit-triq, iseftu u l-istorja tieqaf hemm. Ir-rikorrenti qal li huwa ma kienx jghid xejn b'dan kollu lill-intimat. Qabel ma sehh is-sadd ta' l-ahhar, kompla jghid ir-rikorrenti, huwa kien wettaq xi xogholijiet

fil-fond proprjetà tieghu. Dawn ix-xogholijiet kienu saru madwar sena qabel ma sehh is-sadd il-kbir. Qal li huwa ma kienx waddab materjal fil-medda tad-drenagg u b'hekk is-sadd kien wiehed normali u mhux sadd b'xi ġebel.

Qal ukoll li l-intimat ghandu l-katusa tad-drenagg tieghu, li hija maghmula mill-asbestos nieżla minn barra u mbaghad ghandha *elbow* li taghti ghal go din il-kaxxa li ghandu taht il-bieb tal-bitha tieghu. Qal li minn din il-katusa proprjetà ta' l-intimat huwa qatt ma ra *leakages*.

Ghar-rigward tal-katusa li kienet tghaddi taht il-proprjeta tieghu, r-rikorrenti qal li din kienet maghmula mill-fuhhar u ma kienitx katusi shiha u fejn kien hemm is-*sockets* din bdiet taqsam. Minn dan il-qsim beda johrog l-ilma u d-drenagg. Minhabba f'hekk, l-oggetti li kien ikun hemm fil-katusa jibqaw hemm u b'hekk isehh il-*blockage*. Mistoqsi kif qabel ma mar hu fuq il-post ma kienx hemm dawn il-problemi huwa qal li meta beda juża l-post, ovvjament huwa beda juża l-katusi tad-drenagg u allura l-problemi żdiedu. Qal li "*fejn qabel il-katusi kienu jintużaw minn appartament wiehed issa bdew jintużaw żewġ appartamenti*" (fol. 35).

Ir-rikorrenti cahad li huwa ma kkonsultax mal-intimat u li huwa ma semax minnu meta dan kien qallu biex jaghmlu x-xogholijiet flimkien. Qal li huwa kellu jaghmel ix-xoghol l-ghaliex l-intimat ma kienx qieghed juri interess u l-hsara kien qieghed jircevieha hu go hwejjgu.

6. **David Borg** qal li Anthony Vassallo kien inkarigah sabiex ibiddel il-katusi tad-drenagg peress li kien hemm xi sadd fil-katusa tad-drenagg tar-rikorrenti u huwa qala s-sistema l-antika u ghamel kollox ġdid. Qal ukoll li l-katusi l-qodma kienu fi stat hazin hafna u llum is-sistema hija tal-plastic. Fid-drenagg li huwa qabbad jarmu kemm ir-rikorrenti kif ukoll l-intimat.

In kontro-ezami, huwa qal li meta kien qieghed jaghmel ix-xoghol, sab "... *li kien hemm xi biċċiet minnhom mkissrin. Mhux kollha kienu mkissrin però kien hemm partijiet minnhom li kienu mkissrin*" (fol. 37). Il-hsara li kien hemm f'dawn il-katusi l-antiki, kompla jghid ix-xhud, kienet taz-zmien. Il-fatt li saru xi xogholijiet fuq l-art li tahtha kienu jinstabu l-katusi tal-fuhhar oriġinali ma kien ser jaffettwa xejn lill-imsemmija katusi tal-fuhhar.

Ikkunsidra ulterjorment;

7. Ix-xogholijiet fis-sistema tad-drenagg in kwistjoni bdew lejn l-ahhar ta' Settembru, 2009 u thallsu skond ma jirrizulta mill-ircevuta fiskali li hemm esebita a fol. 9 tal-process fis-7 ta' Ottubru, 2009. Din it-Talba infethet fl-4 ta' Ottubru, 2013. Fit-3 ta' Ottubru, 2011 giet intavolata ittra uffiċjali kontra l-intimati ghall-hlas reklamat, liema ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lill-intimati fis-7 ta' Ottubru, 2011.

8. Nibdew billi nezaminaw l-ewwel tlett eċċezzjonijiet ta' l-intimati u li permezz taghhom stqarrew li l-azzjoni tar-rikorrenti hija perenta a tenur ta' l-artikoli 2148(a), 2149(a) u 2153 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ewwel artikolu citat u cioe **l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16** jaqra hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta'persuni oħra li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu;

Fil-fehma tat-Tribunal, dan l-artikolu tal-ligi ma huwiex applikabbli ghal kaz odjern. Ir-rikorrenti ghalkemm ghamel xi xogholijiet fil-fond tieghu, ma ghamilx ix-xogholijiet ghar-rigward tat-tqeghid ta' din is-sistema tad-drenagg. Huw akien inkariga lil-terzi sabiex jaghmluha u hallashom ta' l-istess.

9. Imbaghad **l-artikolu 2149(a) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jaqra hekk:

**2149.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:

(*a*) l-azzjonijiet tal-bennejja ta' bastimenti jew bċejjeċ oħra tal-baħar, u tal-kuntratturi ta' bini ieħor jew ta'xogħlijiet oħra ta' injam, ġebel, jew materjal ieħor, għall-opri maħdumin minnhom jew għall-materjali li jfornu:

Anke dan l-artikolu fil-fehma tat-Tribunal ma japplikax u dan ghal-istess ragunijiet hawn fuq moghtija.

10. Finalment **l-artikolu 2153 tal-Kapitolu 16** jghid:

**2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b'reat taqa' bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn.

Issa f'dan il-kaz, ir-rikorrenti intavolaw ittra uffiċjali fit-3 ta' Ottubru, 2011 kontra l-intimati ghall-hlas reklamat fil-proceduri odjerni, liema ittra uffiċjali ġiet debitament notifikata lill-intimati fis-7 ta' Ottubru, 2011. Illi mill-provi prodotti ma hemm xejn x'jindika li x-xogholijiet kienu tlestew qabel din id-data u allura l-perjodu preskrittiv kellu jibda jiddekorri minn din id-data. Ix-xogholijiet bdew lejn l-ahhar ta' Settembru, 2009 u anke jekk tlestew ftit granet wara, jirrizulta li din l-ittra uffiċjali ġiet intavolata fit-3 ta' Ottubru, 2011 u notifikata fit-terminu indikat fl-artikolu 2130 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

11. F'kull kaz, mill-provi prodotti, t-Tribunal huwa sodisfatt li l-intimat kien inkariga lir-rikorrenti sabiex jaghmel dawn ix-xogholijiet. Jekk hux huwa personalment, jew bl-ghajnuna ta' l-intimat jew tramite l-intervent ta' kuntrattur huma irrilevanti in vista ta' dak li jghid l-**artikolu 2158 tal-Kapitolu 16**. Dan l-artikolu jaqra hekk:

2158. Il-preskrizzjonijiet imsemmijin fl-artikoli 2147 sa l-2157, jistgħu wkoll jiġu eċċepiti kontra dak li jkun ħallas għad-debitur, **minbarra** minn meta l-ħlas ikun sar fuq talba tad-debitur innifsu, jew bi ftehim mad-debitur innifsu, jew meta dak li ħallas kien, bħala garanti, jew bħala debitur *in solidum*, jew għal skopijiet oħra, jew għal raġunijiet oħra, obbligat iħallas. (sottolinejar u enfazi tat-Tribunal).

12. It-Tribunal jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Penza et vs Publia Busuttil** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-30 ta' Gunju, 1964 (Vol.

XLVIII/i/422) fejn inghad, b'referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kap. 16 li "*... minn dana jidher li terza persuna ma tistax teccepixxi l-preskrizzjoni meta dak li hallas (l-atturi) huwa obbligat ihallas jew bhala debitur solidali jew ghal raġunijiet ohra, u ghalhekk, billi l-atturi bhala konsorti u koeredi kienu tenuti ghall-pagament tat-taxxa solidalment, skond kif gie ritenut mill-Qrati taghna fuq l-iskorta ukoll tal-Gurisprudenza estera, ma tistghax tinghata kontra taghhom il-preskrizzjoni ta' hames snin, iżda dik iżjed twila ta' tletin sena (Kollez. XXIX/i/669[1]; XXIV/i/613); 'questo diritto di ripetizione e' un diritto ordinario di credito, soggetto percio non alla breve prescrizione di cinque anni ma alla trentennaria' (App. Perugia, 24 Feb. 1881)*" (fol. 425 ta' l-imsemmi Volum XLVIII/i/422).

13. Ukoll, fil-kawza fl-ismijiet **Saviour sive Aldo Portelli vs Frederick Cauchi Inglott** – deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fit-22 ta' Gunju, 2005 per Imh. Philip Sciberras[2], b'referenza ghall-artikolu 2158 tal-Kapitolu 16, inghad li:

> *"Huwa desunt minn dan id-dispost illi ghalkemm fil-ligi taghna dritt ordinarju ta' kreditu hu preskrivibbli zmien hames snin, pero`, in virtu ta' l-Artikolu 2158 il-preskrizzjonijiet qosra, kompriza dik ta' hames snin, mhumiex eccepibbli kontra min hallas ghad-debitur, ghax hekk obbligat. Iffisser illi ghalkemm min ihallas ghal haddiehor bhala ko-obbligat jigi surrogat fid-drittijiet u azzjonijiet tal-kreditur principali dan ma jfisserx illi kontra tieghu tista' tigi opposta l-istess preskrizzjoni li kienet tkun tista' tigi opposta lill-kreditur"*

14. Ghalhekk ghal dawn ir-ragunijiet l-ewwel tlett eċċezzjonijiet imqanqal mill-intimati dwar il-preskrizzjoni ta' l-azzjoni odjerna qeghdin jiġu michuda.

15. Ir-raba' eċċezzjoni ta' l-intimat hija fis-sens li t-talba tar-rikorrenti hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhux minnu li l-ammont pretiz huwa dovut u ghalhekk it-talba tar-rikorrenti ghandha tiġi michuda. Mill-fatti u provi kif prodotti mill-partijiet jirrizulta li x-xogholijiet verament kienu mehtiega li jsiru

[1] Reverendu Gio Maria Farrugia noe vs Faustina Ellul – Qorti ta' l-Appell, deċiża fis-27 ta' Mejju, 1936;
[2] Appell Civili Numru. 2465/2003/1

u dan peress li l-katusi li kien hemm qabel ma dawn tbiddlu kienu qodma u li l-hsarat riskontrati kienu gew biz-zmien u mhux minhabba xi xogholijiet li kienu ghamlu r-rikorrenti fil-proprjeta taghhom jew inkellha ghax kienu ġabu l-*bowser* bil-pompa biex jiftah id-drenagg.

16. Ghar-rigward ta' l-ammont reklamat mir-rikorrenti, u cioe l-ammont ta' €808, dan huwa ukoll ippruvat u t-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita mill-provi prodotti mir-rikorrenti f'dan ir-rigward.

17. Ghalhekk, mehud kollox in konsiderazzjoni, u anke a bażi ta' ekwita, t-Tribunal sejjer jilqa t-talba tar-rikorrenti.

18. Ghar-ragunijiet fuq premessi, t-Tribunal jaqta u jiddeċiedi dan il-kaz billi:

1) jichad l-ewwel eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) jichad it-tieni eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla a tenur ta' l-artikolu 2149(b) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) jichad it-tielet eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla a tenur ta' l-artikolu 2153 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) jichad ir-raba eċċezzjoni inkwantu din hija nkompatibbli ma dak hawn fuq deċiż, qieghed jghaddi biex jilqa t-talba tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed jikkundanna lill-istess intimati sabiex jhallsu lir-rikorrenti s-somma ta' tmien mija u tmien [€808] bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru fuq dan l-ammont mid-data ta' l-ittra uffiċjali u cioe mit-3 ta' Ottubru, 2011 sal-hlas effettiv.

L-ispejjez huma kollha a kariku tal-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------